MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2803/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ esetera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurata taghha Miriam Brincat sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Miriam Brincat**

**vs**

**Andrew Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Novembru, 2002 fejn intalbet is-somma ta’ seba’ mija u tlettax-il lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm713.41) rapprezentanti danni kagunati f’incident awtomobilistiku tad-19 ta’ April 2001, fi Triq Aldo Moro, Marza, bejn il-vettura bin-numru ABJ 183 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru AAM 967**

**misjuqa u proprjeta' ta' l-attrici Miriam Brincat, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurata taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) 'excess' imhallsa mill-attrici Miriam Brincat, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2002, u bl-imghax pagabbli mill-11 ta' April 2002 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-10 ta' Jannar 2003 fejn intqal illi:**

**1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament bi htija ta' l-attrici Marianne Brincat li kienet qed issuq il-vettura Nru AAM 967 assikurata mis-socjeta' attrici noe.**

**2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni.**

**3. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni.**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Sema' x-xhieda ta' Miriam Brincat, PS 1330 Alexander Schembri, Andrew Falzon. Ra d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fid-19 ta' April 2001 filghodu fi Triq Aldo Moro, Marsa bejn il-**

**vettura AAM 967 misjuqa minn Miriam Brincat u t-truck Leyland numru ABJ 183 misjuq mill-konvenut. It-truck tal-konvenut kien truck kbir li jgorr il-containers pero' ma kellhux il-container mieghu.**

**2. L-attrici kienet gejja mid-direzzjoni tal-Marsa u cioe' fl-istess direzzjoni li fiha kien sejjer il-konvenut cioe' mexjin fid-direzzjoni ta' Rahal Gdid, filwaqt li l-konvenut ried imur lejn Hal Far. L-attrici kienet qed issuq fuq il-karreggjata ta' gewwa cioe' tax-xellug vicin tal-bankina filwaqt li l-konvenut kien miexi fit-tieni karreggjata minn naha tax-xellug.**

**3. Skond l-attrici hi rat lill-konvenut u tghid illi: « f'daqqa wahda meta wasalt fil-liwja, hassejt daqqa fuq wara…. fil-genb in-naha tas-sewwieq » . Bid-daqqa l-attrici daret « clockwise » u giet bil-genb tal-lemin tal-vettura taghha jmiss mal-kabina tat-truck u dana kaxkaraha ghal xi ghoxrin metru (20m). Skond ma tghid l-attrici l-konvenut : « kien gej isuq u hu ried qisu jidhol fil-karreggjata milli kont ghaddejja jiena ». Il-versjoni tal-fatti ta' l-attrici hija bazikament l-istess bhal ma hi qalet lill-pulizija fir-rapport esebit a fol 23 sa 26 tal-process.**

**4. Il-konvenut kien jaf li kellu karozza quddiemu u karozza fuq il-lemin pero' mid-deposizzjoni tieghu jidher li ma kienx jaf jekk kienx hemm karozza fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut kien miexi biex jiehu d-direzzjoni ta' Hal Far. Skond il-konvenut waqt li kien miexi fid-dritt sema' twerzieq ta' tyres u sab lill-attrici qieghdha trasversali quddiemu. Rilevanti hafna dak li jghid il-konvenut meta jixhed illi « din il-vettura ndunajt biha mit-twerzieq tat-tyres ». Il-konvenut jikkonferma li l-attrici qatt ma kienet fil-karreggjata tieghu qabel l-incident. Fir-rapport il-konvenut *a tempo vergine* kien qal li l-attrici kienet dahlet quddiem it-truck tieghu.**

**5. Dak li qed ighid il-konvenut fir-rapport jikkontrasta hafna ma' dak li xehed peress illi hu qal li nduna biha meta din giet mal-kabina tieghu.**

**6. Ghalhekk mill-fatti specie tal-kaz jirrizulta li l-konvenut necessarjament kien invada l-karreggjata minn fejn kienet ghaddejja l-attrici, tant illi l-marki li thallew ghal distanza twila mir-rota ta' quddiem tal-**

**vettura ta' l-attrici kienu jibdew minn hdejn fejn tispicca l-ewwel karreggjata n-nahha tax-xellug, u dana kif jirrizulta mill-sketch a fol 17 tal-process. Definittivament l-incident sehh minhabba velocita' mhux flokha ghal post minn fejn kien ghaddej il-konvenut u ghat-tip ta' vettura li kien qed isuq, kif ukoll minhabba nuqqas ta' *proper look out* da parti ta' l-istess konvenut.**

**7. In oltre t-Tribunal jirrileva illi l-attrici kellha d-danni taghha fuq il-genb kollu tal-lemin tal-vettura taghha. Jirrizulta wkoll illi bid-daqqa l-attrici daret u sussegwentement tkaxkret. Rilevanti illi l-iskizz qed juri t-tyre mark tal-vettura ta' quddiem ta' l-attrici mill-mument li bdiet titkaxkar u mhux mill-mument tal-habta, ghalhekk il-habta grat meta l-attrici kienet ghadha fil-karreggjata taghha u l-konvenut invada dik il-karreggjata u minhabba nuqqas ta' proper look out dahal fiha u kaxkarha. Ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni l-konvenut.**

**8. Bhala danni jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti Dok GMI 1 sa GMI 4 fl-ammont reklamat ta' seba' u tlettax-il lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm713.41).**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut minhabba nuqqas ta' proper look out, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici GasanMamo Insurance Agency Nomine s-somma ta' sitt mija tmienja u tmenin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm688.41) u lill-attrici Miriam Brincat is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) Bl-imghaxijiet legali fuq iz-zewg ammonti mill-11 ta' April 2002 sal hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' April 2002 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------